REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/222

tat-12 ta' Frar 2015

li jeskludi s-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 tal-ICES minn ċerti limitazzjonijiet fuq l-isforz tas-sajd għall-2015, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 li jistabbilixxi pjan multinannwali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 779/97 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1098/2007 jistipula dispożizzjonijiet li jistabbilixxu limitazzjonijiet fuq l-isforz tas-sajd għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar Baltiku.

(2) Abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007, l-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1221/2014 ([2]) stabbilixxa limitazzjonijiet fuq l-isforz tas-sajd għall-2015 fil-Baħar Baltiku.

(3) Skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007, il-Kummissjoni tista' teskludi s-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 tal-ICES mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti limitazzjonjiet fuq l-isforz tas-sajd meta l-qabdiet tal-bakkaljaw jkunu taħt ċertu livell limitu fl-aħħar perjodu ta' rappurtar.

(4) Fid-dawl tar-rapporti mressqa mill-Istati Membri u tal-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku, u Ekonomiku għas-Sajd, fl-2015 is-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 tal-ICES għandhom ikunu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-limitazzjonjiet fuq l-isforz tas-sajd.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 1221/2014 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015. Biex tkun żgurata l-koerenza ma' dak ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1)(b), (3), (4) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1098/2007 ma għandhomx japplikaw għas-Subdiviżjonijiet 27 u 28.2 tal-ICES fis-sena 2015.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 248, 22.9.2007, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1221/2014 tal-10 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2015 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 43/2014 u (UE) Nru 1180/2013 (ĠU L 330, 15.11.2014, p. 16).